MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 92 B'URĠENZA

**11 ta' Marzu 2019**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
John Borg - Kunsillier

**ASSENTI**
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Mark George Abdilla - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera s-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur John Mizzi, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Herbert Conti, is-Sur Antoine Attard, u s-Sur Owen Patrick Attard.

Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

**92.1 Bini ta' Toroq fejn jarma l-monti**

92.1.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech tat l-aħħar tagħrif dwar is-sitwazzjoni tal-Monti. Hija qalet illi wara li Infrastructure Malta nfurmatna illi kienet se tibni toroq Mike Pulis, triq is-Santwarju, Tal-Ħerba u triq Tumas Fenech, il-Monti se jkollu jiċċaqlaq b'mod temporanju għall-*industrial estate* ta' San Ġwann. Ġew ikkunsidrati postijiet oħra imma ma kienux se joqogħdu l-bejjiegħa kollha.

92.1.2 Bi qbil mad-diviżjoni tal-kummerċ, se jintbagħtu ittri lil kull min jarma fuq il-monti ħalli dawn jinkitbu biex imorru San Ġwann.

92.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Owen Patrick Attard staqsa jekk jistax jiġi provdut trasport għar-residenti biex imorru fuq il-monti San Ġwann. Is-Sindku qalet illi *Infrastructure Malta* mhux se tidħol f'dawn l-affarijiet. Iktar jistgħu jgħinuhom it-*trades* għax huma jieħdu flus tal-liċenzji.

92.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Kaylocke Buhagiar qal lis-Segretarju biex navżaw lill-periti tal-proġett dwar it-toqob ta' l-armar tal-festi, biex dawn isiru kif kienu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi diġa avżajna lill-periti dwar dan.

Konfermati, illum 20 ta' Marzu 2019.

IFFIRMATI

| | |
|---|---|
| Joanne Debono Grech | Neil Spiteri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |